# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Novembru, 2001.**

**Kawza Numru 4**

**Citaz. Nru. 1059/98GV**

Doc. 164-01

**Avukat Dottor Anthony P. Farrugia LL.D.**

**vs**

**Perit Arkitet Michael Falzon bhala Editur u George Papagiorcopulo bhala il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni tal-gurnal "The People" ossia' "The People on Sunday".**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Mejju, 1998 li permezz taghha l-attur ippremetta illi fil-harga tal-Gurnal "*The People*" ossia' "*The People on Sunday*" ta' nhar il-Hadd, 15 ta' Frar, 1998, fil-pagna numru 11, taht ir-rubrika generali "*Village Gossip*", deher artikolett imsemmi "*Bye-Bye Boatie*" illi *inter alia* jallega illi l-attur kien issubixxa bejgh b'subasta ta' yacht tal-qlugh ta' kobor notevoli. Il-kitba tkompli sabiex issemmi li dan il-yacht kien ukoll is-suggett ta' kawza bejn l-attur u Bank lokali, u taghti riferenza ghal rapport f'gurnal iehor fuq dak il-kaz "*for those who missed it*".

Premess illi apparti li l-artikolett ilmentat ghamel allegazzjoni totalment falza, ghaliex l-attur qatt ma ssubixxa ebda bejgh b'subbasta la ta' yacht u lanqas ta' ebda propjeta' ohra tieghu, il-kitba tieghu hija mimlija sarkazmu u innuendo, u l-effett tal-falsita' tal-kontenut flimkien mal-istil malizzjuz ta' kitba huwa tali illi jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-attur, u ghalhek jikkostitwixxi malafama ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap. 248.

Premess illi minkejja li saret apologija miktuba mill-gurnal in kwistjoni, l-attur xorta wahda sofra konsegwenzi negattivi bhala effett tal-malafama ilmentata, u dana kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

Premess illi l-attur sofra malafama u ghandu d-dritt ta' azzjoni prospettat mill-imsemmi artikolu 28 tal-Kap. 248, sabiex jitlob illi l-konvenuti jigu kkundannati sabiex ihallsuh somma li ma teccedix il-hamest elef lira (Lm5,000).

L-attur talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi fil-harga tal-Gurnal; "*The People*" ossia' "*The People on Sunday*" ta' nhar il-Hadd 15 ta' Frar, 1998, fil-pagna numru 11, taht ir-rubrika generali "*Village Gossip*", deher artikolett imsemmi "*Bye-Bye Boatie*", liema artikolett ta' malafama lill-attur; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex dawn ihallsu somma lill-attur ta' mhux aktar minn hamest elef lira (Lm5,000), bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

B'nota ta' eccezzjonijiet pprezentata fit-2 ta' Novembru, 1998, il-konvenuti eccepew:

1. Illi preliminarjament George Papagiorcopulo mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza;

2. Illi, fil-mertu, il-konvenut Michael Falzon kien accetta li l-artikolu citat mill-attur li deher fil-15 ta' Frar, 1998 kellu parti inveritiera u ghalhekk stampa bi shih apologija lill-attur, miktuba mill-attur stess, bl-istess prominenza tal-artikolu offendenti, biss gimgha wara l-harga originali;

3. Illi meta eziga l-apologija, l-attur m'ghamel ebda rizerva ghad-danni;

4. Illi sakemm ma giex notifikat b'din il-kawza l-konvenut kien taht impressjoni, moghtija mill-istess attur, li bl-apologija kienet inghalqet il-kwistjoni ghas-sodisfazzjon tal-attur;

5. Illi ghaldaqstant m'ghandhomx jigu kkundannati hlas ta' danni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 11;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li fil-harga tal-gurnal "*The People*" ossia' "*The People on Sunday*" ta' nhar il-Hadd, 15 ta' Frar, 1998 fil-pagna numru 11, taht ir-rubrika generali "*Village Gossip*" deher artikolett imsemmi "*Bye Bye Boatie*" liema artikolett ta' malafama lill-attur; tikkundanna

lill-konvenuti sabiex dawn ihallsu lill-attur dik is-somma ta' mhux aktar minn Lm5,000 bhala danni ghall-malafama.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li George Papagiorcopulo mhux il-legittimu kontradittur; fil-mertu l-konvenut Michael Falzon kien accetta li l-artikolu citat mill-attur kellu parti inveritiera u ghalhekk stampa bi shih apologija lill-attur, miktuba mill-attur stess, bl-istess prominenza ta' l-artikolu offendenti, biss gimgha wara l-harga originali; illi meta eziga l-apologija l-attur ma ghamel ebda rizerva ta' danni u ghalhekk l-eccipjent haseb li l-kwistjoni kienet inghalqet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur oggezzjona ghall artikolu billi t-ton tieghu hu kollu ingurjuz oltre ghall-fatt principali li hu bazat fuq gidba billi hu qatt ma kellu x'jaqsam mad-dghajsa li ssemmiet. Dan l-artikolu qalalu hafna inkwiet ma' tad-dar, mal-hbieb, ma' kollegi u anke f'negozju partikolari. Hu kien cempel lil editur u dan kien accetta li jaghmel ratifika u fil-hadd ta' wara deheret apologija kif xtaqha. Hu qatt ma rrinunzja ghal din l-azzjoni ghax kienet deheret l-apologija. Mistoqsi dwar x'danni sofra f'dik il-gimgha bejn meta deher l-artikolu u meta deheret l-apologija, wiegeb li kien hemm riflessi fuqu li kienu realissimi.

Il-konvenut xehed li mhux hu kiteb l-artikolu. Meta cempillu l-attur u spjegalu l-fatti kif kienu, hu kien qallu li kien lest jaghmillu apologija. Kien ghamel wahda l-ghada t-Tnejn izda l-attur ma kienx kuntent biha u ghamillu wahda l-Hadd ta' wara kif riedha l-attur bl-istess prominenza u fl-istess post. Il-pagna fejn deher l-artikolett kien fil- "*Village Gossip*" li hi pagna intiza biex tigbed saqajn in-nies. L-attur ma kienx semmilu li kien ser jaghmel kawza ghal-danni. Hu ma kien ghamillu ebda kondizzjoni biex jaghmillu l-apologija. Il-prassi hi li meta wiehed

jaghmel apologija, wiehed ma jibqax jinsisti ghal kawza. La darba hu kien ippublika l-apologija miktuba kif riedha l-attur hu fehem li l-kaz kien maghluq.

Il-kwistjoni kollha hi jekk l-apologija kinitx bizzejjed.

Dwar il-kwistjoni jekk l-artikolett kienx libelluz jew le, il-partijiet jidher li jaqblu, tant li mill-ewwel il-konvenut Falzon kien accetta li jippubblika apologija bil-miktub kif u fejn xtaqha l-attur.

Imma il-konvenut qed isostni li la darba huwa kien ippublika l-apologija miktuba kif riedha l-attur hu fehem li l-kaz kien maghluq. Skond il-konvenut il-prassi hi li meta wiehed jaghmel apologija, l-iehor ma jibqax jinsisti ghal danni

Minn naha l-ohra l-attur xehed li hu qatt ma rrinunzjax ghall azzjoni ghal danni.

Illi l-awtur Peter Carey fil-ktieb *Media Law* meta jidhol biex jezamina l-konsegwenzi ta' meta tigi accettata apologija, jghid li:

"*The party accepting the offer may not bring ( or continue where already commenced) an action in defamation in relation to the publication to which the offer relates"*.

Aktar l-isfel jirrepeti li:

"*If an offer of amends is accepted by the aggrieved party then no further action in libel or slander can be taken by that party against the person who made the offer"*.

Illi f'din Il-kawza l-konvenut accetta ghal darba, darbtejn li jaghmel apologija li l-attur accetta nkondizzjonatament u bla riservi. Il-konvenut imbaghad ippubblika l-apologija kif riedha l-attur. Kwantu ghal danni, il-konvenut kien ippublika l-apologija l-ghada stess li deher l-artikolett imbaghad rega ippublika apologija ohra l-hadd ta' wara l-pubblikazzjoni nkriminata bl-istess mod kif

dehret qabel u kif riedha l-attur. Jigi rilevat inoltre li l-artikolu kien f'*gossip page* u mhux f'pagna ta' ahbarijiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad  it-talbiet attrici, kwantu ghall-ispejjez, in vista tal-kaz partikolari,  il-partijiet ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**